MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1225/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Fardowso Abdi Khalif ta' 21 sena, nazzjonalita` Somala, bint Abdi Khalif & Ajan Youssuf, mwielda Mogadishu, Somalja, fl-ewwel (1) ta' Jannar 1992, residenti Bon Pastur, Balzan u detentrici tan-numru mghoti mill-pulizija 12J-015

Talli;

Fl-14 ta' Dicembru 2013 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellha fil-pusses taghha passaport, mahrug minn awtortia` kompetenti, cioe` Passaport Malti ghall-Istrangieri, mahrug f'isem Abdi Muhumed Khadan, ittrasferixxiet dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieviet dokument li gie ittrasferit lilha minn persuna ohra.

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet uzu jew ittantat taghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioe` dak diga imesmmi.

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostazni tat prospett falz dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minna wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissieta solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 32(1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti fuq ammissjoni m'ghandiex ghazla hlief issib lill-istess imputata hatja skond l-akkuzi dettota kontra taghha u ghal daqstant qieghda tikkundannaha disa' (9) xhur prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini ta' l-Artikoli 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------